

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Awwissu 2017 – OCU et vs SRB****(Kawża T-512/17)**

(2017/C 338/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol***Partijiet**

*Rikorrenti:* Organización de Consumidores y Usuarios (OCU) (Madrid, Spanja) u s 37-il rikorrent ieħor

*Konvenut:* Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiddikjara l-illegalità u l-inapplicabbiltà tal-Artikoli 18 u 29 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;
- tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-ispejjeż tal-appell.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Dan ir-rikors huwa ppreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, tas-7 ta' Ġunju 2017, dwar l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni għall-Banco Popular Español, S.A.

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawżi T-478/17, *Mutualidad de la Abogacía u Hermandad Nacional de Arquitectos Superiores y Químicos vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-481/17, *Fundación Tatiana Pérez de Guzmán y Bueno u SFL vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-482/17, *Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-483/17, *García Suárez et vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-484/17, *Fidesban et vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-497/17, *Sánchez del Valle u Calatrava Real State 2015 vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, u T-498/17, *Pablo Álvarez de Linera Granda vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*.

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Awwissu 2017 – Haufe-Lexware vs EUIPO – Le Shi Holdings (Beijing) (Leshare)****(Kawża T-546/17)**

(2017/C 338/19)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Haufe-Lexware GmbH & Co. KG (Freiburg im Breisgau, il-Ġermanja) (rappreżentant: N. Hebeis, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Le Shi Holdings (Beijing) Ltd (Beijing, iċ-Ċina)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark verbali tal-Unjoni "Leshar" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 883 301

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-15 ta' Ġunju 2017, fil-Każ R 1691/2016-4